C/2024/4067

12.7.2024

Opinjoni Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Mobilità tal-Ħiliet u t-Talenti

(COM(2023) 715 final)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE

(COM(2023) 716 final – 2023/0404 (COD))

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva" – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd

(COM(2023) 719 final)

Commission recommendation on the recognition of qualifications of third-country nationals (mhux disponibbli bil-Malti)

(C(2023) 7700 final)

(C/2024/4067)

Relatur: **Tatjana BABRAUSKIENĖ**

Korelatur: **Mariya MINCHEVA**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 24.1.2024 Kummissjoni Ewropea, 21.12.2023
Bażi legali	Artikoli 165, 166, u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	12.4.2024
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	25.4.2024
Sessjoni plenarja Nru	587
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	187/1/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jenfasizza li n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet xprunat minn fatturi differenti, inklużi l-isfidi demografiċi u t-tranżizzjoni doppja, joħloq sfidi serji għall-operazzjonijiet u t-tkabbir tal-kumpaniji. Dan huwa partikolarment validu f'reġjuni żvantaġġati [1]. Huwa importanti ħafna li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tkun **għodda prattika, affidabbli, faċli biex tintuża** li tkun **attraenti għall-ħaddiema u għall-impjegaturi** u tappoġġja l-**migrazzjoni legali tal-ħaddiema** lejn l-UE b'mod ġust u etiku.

[1] L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-UE: https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/opinions-information-reports/opinions/harnessing-talents-eu-regions

1.2. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jieħdu passi effettivi biex inaqqsu n-nuqqas ta' ħaddiema fl-UE f'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali u jiżguraw li l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jappoġġjaw impjiegi ta' kwalità għolja u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE u jagħmlu dawn l-impjiegi attraenti għall-ħaddiema kollha, fl-istess ħin li jitqies il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet. In-nuqqas ta' ħaddiema f'ċerti professjonijiet u l-bżonn li jiġu identifikati dawn il-professjonijiet huma temi li għandhom jiġu diskussi mal-imsieħba soċjali settorjali u nazzjonali, fl-istess ħin li jitqies it-tqabbil tal-ħiliet u tal-impjiegi, il-pagi deċenti, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-benesseri tal-ħaddiema, kif ukoll l-aċċess ugwali għall-iżvilupp professjonali, bħala fatturi ewlenin biex il-professjoni kkonċernata ssir aktar attraenti.

1.3. Il-KESE jirrimarka li ċ-ċittadini ta' pajjiż terz diġà preżenti fit-territorju tal-UE u li huma lesti li jaħdmu fl-UE (applikanti għall-asil, persuni mingħajr permess tax-xogħol, persuni li daħlu fl-UE għal raġunijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja) jikkostitwixxu riżerva mhux użata biżżejjed ta' ħaddiema potenzjali li tista' tgħin biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Dawn in-nies jeħtieġ li jiġu appoġġjati biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

1.4. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri biex **jiżguraw li jkun hemm ambjent akkoljenti għall-migranti u l-ħaddiema refuġjati fl-Istati Membri kollha**, u li jkun hemm ħidma f'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jinbidlu l-istqarrijiet u n-narrattiva dwar il-migrazzjoni legali, li ħafna minnhom ikunu ġġenerati mill-moviment tal-lemin estrem, jitwaqqfu l-attitudnijiet ostili lejn il-migrazzjoni u jiġi rikonoxxut ir-rwol li l-migrazzjoni legali jista' jkollha biex tgħin tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u d-disparitajiet reġjonali.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi implimentata l-inizjattiva dwar ir-Riżerva ta' Talent flimkien mal-inizjattiva tal-UE dwar "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa" ([2]) biex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ – fl-UE u lejn barra l-UE – fi professjonijiet fejn hemm nuqqas ta' ħaddiema. Il-migrazzjoni ċirkolari tista' tkun għodda utli f'dan ir-rigward ukoll.

Dwar il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE

1.6. Il-KESE jixtieq jara r-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala komplement effettiv u effiċjenti għall-għodod u l-prattiki eżistenti tal-UE u nazzjonali biex tgħin liċ-ċittadini ta' pajjiż terz jsibu xogħol ta' kwalità fl-UE u biex tappoġġja lill-impjegaturi fir-reklutaġġ ta' dawn il-ħaddiema. Ir-Riżerva ta' Talent għandha tiżgura li l-ħaddiema migranti u l-impjegaturi tal-UE jiġu pprovduti b'informazzjoni dwar il-liġijiet li għandhom jikkonformaw magħhom, kif ukoll dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom, eż. regoli dwar l-effetti tat-telf ta' impjieg wara perjodu iqsar ta' żmien. Il-Kummissjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, għandha tiżgura li jkun hemm fis-seħħ l-arranġamenti adatti sabiex tiġi pprovduta informazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet.

1.7. Il-KESE jenfasizza li r-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha twassal għal xogħol ta' kwalità, li jikkorrispondi għall-ħiliet u l-kompetenzi tal-migranti. Il-ħaddiema m'għandhomx jitqiesu bħala ħaddiema provviżorji għall-ekonomiji tal-UE iżda għandhom jirċievu l-istess trattament bħaċ-ċittadini tal-UE u l-istess opportunitajiet f'termini tal-iżvilupp tal-karriera tagħhom u t-tkomplija tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom jekk jixtiequ jagħmlu dan, kif ukoll il-possibbiltà li jkomplu jgħixu fl-UE.

1.8. Il-KESE jindika li jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni trasparenti u affidabbli dwar l-aċċess għall-impjiegi fl-Istati Membri tal-UE u dwar ir-rekwiżiti, inkluż ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, fuq sit web uniku tal-UE għall-ħaddiema u l-impjegaturi. L-"għodda web" il-ġdida dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol li qed tiġi żviluppata mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ser tkun għodda diġitali li għandha l-għan li tikkonsolida s-sorsi ta' informazzjoni nazzjonali u fil-livell tal-UE, inklużi l-Kummissjoni Ewropea, l-aġenziji tal-UE eċċ. L-algoritmu li jqabbel m'għandux iqis data personali irrilevanti għal impjieg, bħall-isem, l-età, il-ġeneru, in-nazzjonalità jew il-pajjiż ta' residenza. Il-kumpaniji jridu jkunu jistgħu jiddependu mill-appoġġ mir-Riżerva ta' Talent tal-UE meta jirreklutaw ċittadini ta' pajjiżi terzi.

([2]) COM(2023) 32 final.

1.9. Il-KESE jenfasizza li l-ħolqien tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jrid jibni fuq il-ħidma tar-reviżjoni tad-**Direttiva dwar permess uniku** ([3]) u d-Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil ([4]), sabiex jiġi żgurat aċċess effiċjenti u f'waqtu għall-permessi tax-xogħol u tar-residenza għall-ħaddiema migranti, kif ukoll biex jiġu infurzati l-istandards tax-xogħol fl-UE. L-Istati Membri li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent huma mħeġġa wkoll isegwu l-proposti maqbula fil-livell nazzjonali u settorjali mill-Istati Membri u l-imsieħba soċjali fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' pajjiżi terzi.

1.10. Fl-istess ħin li jilqa' d-dispożizzjonijiet tar-Regolament propost, il-KESE jenfasizza l-fatt li trid tingħata attenzjoni partikolari lis-setturi sensittivi għall-frodi, fejn il-ħaddiema migranti huma partikolarment vulnerabbli u f'riskju għoli ta' sfruttament u abbuż fuq il-post tax-xogħol.

1.11. Il-KESE jemmen li r-rwol tal-intermedjarji u l-aġenziji, inkluż għas-sottokuntrattar, għandu jiġi ċċarat, peress li bħalissa ħafna impjegaturi jużaw is-servizzi tagħhom fil-livell nazzjonali.

1.12. Jenħtieġ li l-inizjattiva ma twassalx għal piż amministrattiv akbar għall-impjegaturi li jitolbu lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn huma stabbiliti biex jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol battala tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Għandu jkun hemm funzjoni ta' żieda sempliċi għat-trasferiment ta' postijiet battala mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi nazzjonali għar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll rwol possibbli għall-aġenziji privati tal-impjiegi.

1.13. L-aċċess sospiż għall-impjegaturi fil-każ ta' ksur tal-obbligi tagħhom għandu jkun definit fir-rigward taż-żmien u proporzjonat għall-ksur ikkonċernat. Għandhom jiġu kkunsidrati limitazzjonijiet simili għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jabbużaw mid-dritt li jgħixu u jaħdmu legalment fl-UE.

1.13.1. Il-governanza demokratika hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-politiki u l-għodod dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema jitfasslu għall-ħaddiema u l-impjegaturi, u jiġu xprunati minnhom. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Grupp ta' Tmexxija dwar l-implimentazzjoni ser jinkludi l-imsieħba soċjali transindustrijali Ewropej. L-inizjattiva jenħtieġ li timmotiva lill-Istati Membri jinvolvu lill-imsieħba soċjali fil-livell transindustrijali u settorjali, kif ukoll lill-organizzazzjoni rilevanti tas-soċjetà ċivili li taħdem mal-migranti u r-refuġjati, kif ukoll lill-partijiet ikkonċernati fl-edukazzjoni u t-taħriġ fid-diskussjonijiet u d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari biex jiġu identifikati okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema kif ukoll biex jingħata feedback perjodiku dwar il-valutazzjoni tagħhom tal-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent.

Dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

1.14. Il-KESE enfasizza l-ħtieġa li l-ħiliet u l-kompetenzi tal-ħaddiema minn pajjiżi terzi għandhom jiġu vvalutati u vvalidati malajr biex jiġi żgurat li l-ħiliet tagħhom jiġu ċċertifikati u jkunu jistgħu jiksbu l-kwalifiki tagħhom meta jkun meħtieġ (eż. fil-każ ta' professjonijiet regolati). Il-proċeduri għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv tal-provi għall-applikanti, speċjalment meta d-dokumenti setgħu ntesew jew intilfu matul il-vjaġġ tal-migrazzjoni.

1.14.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Komunikazzjoni tfakkar lill-Istati Membri li d-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali tista' tapplika wkoll għar-rikonoxximent ta' kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiż terz u ta' kwalifiki miksuba fl-UE f'każ ta' nuqqas ta' ħaddiema f'ċerti professjonijiet ("professjonijiet regolati bi prijorità") definiti mill-Istati Membri. Il-KESE jitlob li l-aċċess għal dawk li jixtiequ jaħdmu fi professjonijiet **regolati** fl-Istati Membri tal-UE jiġi appoġġjat permezz ta' proċessi ta' validazzjoni u rikonoxximent rapidi u trasparenti meta jkun meħtieġ. Fl-istess ħin, il-kundizzjonijiet biex tiġi garantita l-kwalità tal-impjiegi u s-servizzi jinsabu fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-kwalifiki u tal-ħiliet. Għalhekk, huwa importanti li l-impjegati potenzjali jirrispettaw ir-rekwiżiti minimi tal-kwalifiki tal-Istati Membri sabiex jidħlu f'ċerti professjonijiet regolati nieqsa mill-ħaddiema.

1.14.2. Il-KESE jenfasizza l-possibbiltà li l-aċċess għall-professjonijiet jiġi ssemplifikat permezz ta' oqfsa ta' taħriġ komuni maqbula f'minimu ta' disa' pajjiżi, li jistgħu jikkontribwixxu għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki f'ċerti professjonijiet regolati fil-livell tal-UE. Dan jista' jgħin liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jaċċessaw ir-rikonoxximent b'mod aktar koerenti fl-Istati Membri kollha tal-UE.

([3]) COM(2022) 655 final.
([4]) COM(2022) 650 final.

1.15. Il-KESE jemmen li huwa importanti li tiġi pprovduta informazzjoni affidabbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar liema tip ta' aġenziji, imsieħba soċjali u partijiet ikkonċernati jistgħu jgħinuhom jidħlu fis-suq tax-xogħol u jiksbu impjiegi ta' kwalità.

1.16. Il-KESE jindika li fir-rigward tar-reklutaġġ ta' professjonisti minn pajjiżi terzi li l-kwalifiki tagħhom **mhumiex regolati**, ir-rwol tal-impjegaturi u tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi huwa essenzjali biex jiġi żgurat trattament ugwali meta jiġi analizzat jekk l-esperjenza tat-tagħlim u tax-xogħol ta' ċittadin ta' pajjiż terz hijiex rilevanti għall-impjieg. Il-valutazzjoni tal-ħiliet tagħhom u l-approċċ "il-ħiliet l-ewwel" jistgħu japplikaw f'dan il-każ.

1.17. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess ġust għall-professjonijiet regolati permezz ta' appoġġ xieraq għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz matul il-perjodu ta' rikonoxximent u taħriġ. L-Istati Membri jeħtieġu jiżguraw li t-taħriġ ikun disponibbli għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiż terz – mhux biss għal dawk li jimmiraw għal professjonijiet regolati bi prijorità – peress li huwa dritt soċjali u t-triq lejn impjiegi ta' kwalità, l-iżvilupp tal-karriera u l-inklużjoni soċjali.

Dwar il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva" – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd

1.18. Il-KESE jirrimarka li l-mobbiltà tal-apprendiment fl-UE għandu jkollha l-għan li ttejjeb is-sens ta' appartenenza għall-UE. Il-KESE jiddispjaċih li 15 % biss taċ-ċittadini tal-UE pparteċipaw fl-istudju, it-taħriġ jew l-apprendistati f'pajjiż ieħor tal-UE u jenfasizza l-fatt li l-istudenti u l-għalliema kollha għandu jkollhom aċċess aktar ugwali għall-mobbiltà, fis-setturi kollha tal-edukazzjoni, u b'mod partikolari fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

1.19. Il-KESE jappella lill-Istati Membri jiżguraw investiment pubbliku fl-iskejjel u fl-istituzzjonijiet edukattivi biex tiġi żgurata l-kapaċità tagħhom li jipprovdu gwida u pariri ta' kwalità u affidabbli dwar opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment li jappoġġjaw l-iżvilupp tal-karriera u t-tagħlim tul il-ħajja; dan għandu jkun disponibbli b'xejn sabiex l-istudenti jiġu motivati japplikaw għall-mobbiltà tal-apprendiment lejn pajjiż ieħor tal-UE. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jimponu li l-koordinaturi tal-mobbiltà tal-apprendiment fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ jistabbilixxu djalogu kontinwu mal-imsieħba soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

1.19.1. Il-KESE jitlob lill-Istati Membri jiżguraw il-mobbiltà tal-apprendiment tal-għalliema billi jegħlbu l-problemi tas-sostituzzjoni u n-nuqqas ta' għalliema. Il-professjoni jeħtieġ li ssir attraenti, b'kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, salarji ġusti, aċċess għal edukazzjoni inizjali ta' kwalità, żvilupp professjonali kontinwu u żvilupp tal-karriera, sabiex tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità.

1.19.2. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm finanzjament adegwat li jirrifletti l-ispejjeż reali tal-parteċipazzjoni fil-mobbiltà tal-Erasmus għall-istudenti, l-għalliema u l-ħarrieġa, u fl-istess ħin tiġi garantita t-trasferibbiltà tas-salarji u benefiċċji oħra, inklużi l-pensjonijiet, għall-istudenti adulti u l-għalliema li jieħdu sehem fil-mobbiltà internazzjonali permezz tal-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom. Huwa kruċjali li l-imsieħba soċjali jiġu involuti fil-monitoraġġ ta' dan u fid-deċiżjonijiet dwar kif għandhom jissolvew dawn il-problemi.

1.20. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni Ewropea terġa' ddaħħal ir-rwol tal-imsieħba soċjali Ewropej u tal-partijiet interessati rilevanti fil-Kumitat Erasmus+, li jiddefinixxi l-prijoritajiet annwali tal-Programm Erasmus+. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw il-pjani nazzjonali ta' azzjoni tagħhom dwar l-inizjattiva f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-imsieħba soċjali rilevanti.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Il-pakkett dwar il-mobbiltà tat-talenti jinkludi diversi inizjattivi ta' politika dwar il-mobbiltà u l-migrazzjoni għal skopijiet ta' edukazzjoni u impjieg għaċ-ċittadini tal-UE u mhux tal-UE. Il-pakkett ser ikollu impatt fuq il-politiki nazzjonali li jittrattaw il-migrazzjoni, l-impjiegi, il-kwalifiki u l-mobbiltà internazzjonali fl-edukazzjoni biex jiġu proposti soluzzjonijiet possibbli biex jiġu żviluppati azzjonijiet fil-kuntest attwali ta' nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet.

2.2. Fil-kuntest ta' dawn l-inizjattivi differenti, u b'mod partikolari dawk relatati mal-migrazzjoni minn pajjiżi terzi, id-drittijiet tal-bniedem iridu jitqiesu bħala prijorità u appoġġjati minn trattament ugwali tal-ħaddiema u objettivi ċari tas-suq tax-xogħol.

2.3. Ħafna professjonijiet, inklużi dawk regolati, huma professjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiżi tal-UE. Ir-rabta bejn il-mobbiltà tat-"talenti" anke mal-mobbiltà tal-impjiegi tqajjem tħassib dwar kif l-inizjattivi ser jevitaw li jikkawżaw eżodu ta' mħuħ – fl-UE u globalment – fi professjonijiet fejn hemm nuqqas ta' ħaddiema. F'dan ir-rigward, il-pakkett għandu jaħdem flimkien mal-inizjattiva tal-UE dwar "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa".

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. *Proposta għal Regolament li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE*

3.1.1. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE ser tkun l-ewwel **għodda volontarja ta' tqabbil** fil-livell tal-UE għall-Istati Membri interessati, miftuħa għal "persuni li qed ifittxu impjieg b'livell baxx, medju u għoli ta' ħiliet". Huma l-impjegaturi stabbiliti f'dawk l-Istati Membri biss li se jkunu jistgħu jippubblikaw il-postijiet tax-xogħol battala tagħhom. Ser tappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tas-**Sħubijiet ta' Talent** imnedija mal-**Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, il-Pakistan u l-Bangladesh**. Il-funzjoni ta' tqabbil għandha tkun strutturata b'mod li tipproponi tqabbil bejn il-ħaddiema u l-impjegaturi li jikkorrispondi għall-ħiliet u l-kwalifiki tal-ħaddiem u l-ħtiġijiet tal-impjegatur.

3.1.2. Minkejja li r-Riżerva ta' Talent ma tipprovdix rotta ta' dħul speċifika fl-UE f'termini tal-kisba ta' permessi tax-xogħol u tar-residenza, il-ħaddiema li jidħlu fir-Riżerva għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn pariri u appoġġ fir-rigward tal-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-akkomodazzjoni, u l-edukazzjoni u t-taħriġ ulterjuri fl-Istat Membru ospitanti. Huwa importanti wkoll li r-Riżerva ta' Talent tiżgura li l-ħaddiema migranti u l-impjegaturi jingħataw informazzjoni dwar il-liġijiet li għandhom isegwu u dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi impetu għall-adozzjoni ta' standards komuni f'termini ta' għoti ta' informazzjoni.

3.1.3. Il-progress fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jibni fuq il-ħidma tar-reviżjoni tad-**Direttiva dwar permess uniku** u d-**Direttiva dwar ir-residenti għal żmien twil**, sabiex jittejjeb l-aċċess għall-permessi tax-xogħol u tar-residenza għall-ħaddiema migranti, kif ukoll biex jiġu infurzati l-istandards tax-xogħol fl-UE. Iċ-ċittadini ta' pajjiż terz diġà preżenti fit-territorju tal-UE u li huma lesti li jaħdmu fl-UE (applikanti għall-ażil, persuni mingħajr permess tax-xogħol, persuni li daħlu fl-UE għal raġunijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja) jikkostitwixxu riżerva mhux użata biżżejjed ta' ħaddiema potenzjali li tista' tgħin biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

3.1.4. Ir-Riżerva ta' Talent jeħtieġ li ssir għodda affidabbli u sigur bi profili aġġornati aċċessibbli mill-inqas bl-Ingliż għall-impjegaturi u l-ħaddiema, li tappoġġja t-tqabbil tal-ħaddiema migranti mal-opportunitajiet ta' impjieg fl-UE. Dan jinkludi l-proposta ta' tqabbil xieraq bejn il-ħiliet u l-kwalifiki ta' persuna li qed tfittex impjieg u l-post battal reklamat. Għalhekk, meta dan jitwettaq, jeħtieġ ukoll li ssir aktar ħidma biex jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki u l-ħiliet miksuba barra mill-pajjiż u/jew f'ambjenti ta' tagħlim mhux formali u informali.

3.1.5. Trid tingħata attenzjoni partikolari lis-setturi sensittivi għall-frodi, fejn il-ħaddiema migranti huma partikolarment vulnerabbli u f'riskju għoli ta' sfruttament u abbuż fuq il-post tax-xogħol. Ir-Riżerva ta' Talent trid titfassal b'tali mod li tiżgura standards ta' reklutaġġ ġusti u etiċi, inklużi projbizzjonijiet fuq prattiki abbużivi, pagamenti għar-reklutaġġ u tnaqqis. Ir-rwol tal-intermedjarji u l-aġenziji, inkluż għas-sottokuntrattar, għandu jiġi ċċarat, peress li bħalissa ħafna impjegaturi jużaw is-servizzi tagħhom fil-livell nazzjonali.

3.1.6. Il-governanza demokratika hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-politiki u l-għodod dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema jitfasslu għall-ħaddiema u l-impjegaturi, u jiġu xprunati minnhom. Il-Grupp ta' Tmexxija dwar l-implimentazzjoni ser jinkludi l-imsieħba soċjali transindustrijali Ewropej. L-Istati Membri jeħtieġ li jinvolvu lill-imsieħba soċjali u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti f'diskussjonijiet u deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema kif ukoll għall-għoti ta' feedback perjodiku dwar il-valutazzjoni tagħhom tal-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent.

3.1.7. L-implimentazzjoni tar-Riżerva ta' Talent u tas-Sħubijiet ta' Talent tiddependi wkoll minn ftehimiet bilaterali dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema u sħubijiet ma' pajjiżi terzi bħala mezz ta' governanza tal-migrazzjoni tal-ħaddiema. Il-KESE jenfasizza l-fatt li dawn is-sħubijiet jeħtieġ li jiżguraw il-protezzjoni u d-drittijiet tal-ħaddiema migranti li jiġu fl-UE, kif ukoll jiddefinixxu r-rwol tal-impjegaturi, skont id-Direttivi tal-UE dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema.

3.1.8. Jenħtieġ li l-inizjattiva ma twassalx għal piż amministrattiv akbar għall-impjegaturi li jitolbu lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn huma stabbiliti biex jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol battala tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

3.1.9. Kemm ir-Riżerva ta' Talent kif ukoll is-Sħubijiet ta' Talent għandhom jindirizzaw il-ħtieġa għat-trasparenza, jipprovdu informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, ikopru r-responsabbiltajiet għall-forniment tad-drittijiet soċjali, il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni ta' kwalità, id-drittijiet tax-xogħol u tat-trade unions, il-mekkaniżmi tal-ilmenti u tar-rimedju, u jekk possibbli jinkorporaw għodod tat-traduzzjoni biex jipprovdu informazzjoni lill-ħaddiema bil-lingwa tagħhom stess dwar l-impjieg ikkonċernat u dwar l-appoġġ disponibbli mill-imsieħba soċjali u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

3.1.10. Is-sospensjoni tal-aċċess ta' impjegatur għar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'każ ta' ksur tal-obbligi tiegħu skont il-liġi tax-xogħol jew soċjali jenħtieġ li tkun proporzjonata għall-ksur u limitata fiż-żmien. Sabiex jiġu evitati prattiki illegali, jenħtieġ li jiġu previsti sanzjonijiet simili għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz li l-permessi tagħhom ikunu ġew ikkanċellati minħabba ksur tar-rekwiżiti tad-dħul.

3.1.11. Skont il-Proposta tal-Kummissjoni, il-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-Anness 1 tista' tiġi emendata jekk għadd sinifikanti ta' Stati Membri jitolbu dan. Sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali fir-rigward tal-okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema, il-Kummissjoni tista' temenda l-lista, jiġifieri jekk żewġ Stati Membri jitolbu dan.

3.2. *Commission recommendation on the recognition of qualifications of third-country nationals (mhux disponibbli bil-Malti)*

3.2.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li r-Rakkomandazzjoni tipproponi soluzzjonijiet possibbli biex tgħin liċ-ċittadini ta' pajjiż terz jaċċessaw l-impjieg permezz tal-validazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi u billi jiġu rikonoxxuti l-kwalifiki taċ-ċittadini ta' pajjiż terz, li huma ostakli prattiċi li jiffaċċjaw il-ħaddiema migranti. Il-proċeduri għandu jkollhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv tal-provi għall-applikanti, speċjalment f'kuntest fejn id-dokumenti setgħu ntesew jew intilfu matul il-vjaġġ tal-migrazzjoni.

3.2.2. It-trattament ġust matul il-proċess ta' reklutaġġ huwa kruċjali. Fir-rigward tar-reklutaġġ ta' professjonisti minn pajjiżi terzi li l-kwalifiki tagħhom **mhumiex regolati**, ir-rwol tal-impjegaturi u tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi huwa essenzjali biex jiġi żgurat trattament ugwali meta jiġi analizzat jekk l-esperjenza tat-tagħlim u tax-xogħol ta' ċittadin ta' pajjiż terz hijiex rilevanti għall-impjieg. Il-valutazzjoni tal-ħiliet tagħhom u l-approċċ "il-ħiliet l-ewwel" jistgħu japplikaw f'dan il-każ. Fl-istess ħin, il-KESE jilqa' l-fatt li r-Rakkomandazzjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jirriflettu dwar jekk u kif jitwettqu t-testijiet tas-suq tax-xogħol, bil-għan li jsiru kemm jista' jkun effiċjenti, anke permezz ta' mekkaniżmi ta' djalogu soċjali.

3.2.3. Għall-**professjonijiet regolati bi prijorità**, valutazzjoni u rikonoxximent ġusti u rapidi tal-kwalifiki tagħhom huma kruċjali għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. L-Istati Membri jridu jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jixtiequ jwettqu professjoni regolata bi prijorità jkollhom appoġġ xieraq matul il-perjodu ta' rikonoxximent u taħriġ kif ukoll jipprevjenu kuntratti temporanji, status aktar baxx u salarju aktar baxx. It-taħriġ għandu jkun disponibbli għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiż terz – mhux sempliċiment dawk li jixtiequ jwettqu professjonijiet regolati bi prijorità.

3.2.4. Huwa essenzjali skambju aħjar ta' informazzjoni dwar il-kwalifiki fi professjonijiet regolati fost il-pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE, eż. permezz ta' komunikazzjoni bejn il-ministeri u l-imsieħba soċjali. Il-KESE jilqa' l-inkoraġġiment ipprovdut biex l-Istati Membri jiġu motivati jistabbilixxu kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE sabiex jifhmu l-kwalifiki u r-rekwiżiti ta' pajjiżi terzi u jiżviluppaw bażijiet tad-data tal-komparabbiltà. Il-KESE jirrimarka li dan huwa essenzjali, b'mod partikolari fir-rigward tal-professjonijiet regolati, u l-ħidma fuq il-bażi tad-data għandha titmexxa minn kooperazzjoni fost gruppi ta' ministeri, imsieħba soċjali u partijiet ikkonċernati fil-Grupp Konsultattiv dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, f'konsultazzjoni mal-Kumitat dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki Professjonali.

3.2.5. Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki jeħtieġ semplifikazzjoni u trasparenza u huwa kritiku biex titnaqqas il-frizzjoni fis-suq tax-xogħol tal-UE. Il-proċess ta' applikazzjoni skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) mhux biss jista' jieħu ħafna ħin u jkun stressanti għall-applikanti, iżda jinvolvi wkoll spejjeż biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet u biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-ħiliet permezz tat-taħriġ, fl-istess ħin li matul dan il-perjodu m'hemmx garanzija ta' kumpens għas-salarji jew benefiċċji tal-qgħad. Il-KESE jilqa' l-passi biex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-ħaddiema billi l-Istati Membri jintalbu jiżguraw li l-ispiża għaċ-ċittadini mhux tal-UE ([6]) biex japplikaw għar-rikonoxximent tal-kwalifiki għandha tkun ugwali għal dik għaċ-ċittadini tal-UE. Fl-istess ħin, ċittadini applikanti ta' pajjiż terz għandhom ikunu infurmati kif jistgħu japplikaw għal appoġġ finanzjarju u amministrattiv fil-pajjiż ospitanti. Jekk applikant ikollu livell ogħla ta' kwalifiki u ħiliet minn dak meħtieġ għall-aċċess għall-professjoni regolata tal-pajjiż ta' oriġini tiegħu, il-ħaddiem għandu jiġi appoġġjat biex jaċċessa impjieg ġust, f'konformità mal-livell tal-ħiliet u l-kwalifiki tiegħu.

3.3. *Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva" – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd*

3.3.1. Il-KESE jilqa' l-possibbiltà usa' ta' parteċipazzjoni fl-esperjenza tal-mobbiltà tal-apprendiment appoġġjata mill-Programm Erasmus. Il-KESE jirreferi għall-punt li għamel fl-Opinjoni tiegħu dwar "Edukazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea" ([7]), li l-vitalità tal-UE tiddependi ħafna minn identità Ewropea b'saħħitha u minn ċittadini li jidentifikaw ruħhom mal-UE. Huwa jirrakkomanda li jiżdied il-baġit tal-Erasmus+ biex jitrawwem sens ta' appartenenza fl-UE billi tiġi żgurata l-mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd, b'mod partikolari fost persuni minn sfondi soċjoekonomiċi differenti. Huwa appella biex il-proġetti futuri kollha tal-Erasmus jenfasizzaw it-tagħlim dwar l-UE, jibnu identità tal-UE u jappoġġjaw it-tagħlim interġenerazzjonali dwar l-UE, kif ukoll it-tagħlim tal-lingwi u d-djalogu ċiviku għall-gruppi tal-etajiet kollha, inklużi l-adulti.

3.3.2. Il-KESE jilqa' l-punti ta' riferiment settorjali l-ġodda dwar il-parteċipazzjoni fil-mobbiltà tal-apprendiment. Madankollu, hemm nuqqas ta' finanzjament assoċjat biex jintlaħqu l-miri l-ġodda. Xi whud mill-miri aktar ambizzjużi wkoll iddgħajfu f'termini ta' kif ġew definiti (pereżempju: il-mira għall-edukazzjoni għolja żdiedet, iżda l-mobbiltà tista' tiġi rikonoxxuta anke jekk tirrappreżenta biss tliet ECTS (Sistema Ewropea għat-Trasferiment ta' Krediti), minflok 15, kif kien il-każ qabel). Fl-istess ħin, jistgħu jiġu stabbiliti wkoll punti ta' riferiment għall-mobbiltà tal-apprendiment tal-istudenti adulti sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fi żvilupp professjonali kontinwu rikonoxxut f'pajjiż ieħor tal-UE. Il-KESE jilqa' l-passi biex jiġu stabbiliti promoturi tal-mobbiltà tal-apprendiment bħal koordinaturi, punti ta' kuntatt, ambaxxaturi u ċentri ta' informazzjoni ddedikati għall-mobbiltà tal-apprendiment dwar il-mobbiltà tal-apprendiment.

3.3.3. Il-KESE jinnota li l-governanza demokratika dwar il-mobbiltà tal-apprendiment fl-UE hija kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva. Il-KESE jilqa' l-fatt li qed tiġi proposta "kooperazzjoni strutturali mal-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-mobbiltà tal-apprendiment fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni" u jirrimarka li biex tiġi implimentata tali mobbiltà, l-istituzzjonijiet edukattivi jkollhom jikkollaboraw ma' networks li għandhom għarfien espert u esperjenza fil-mobbltà tal-apprendiment.

3.3.4. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-inizjattiva tipprova testendi l-mobbiltà tal-apprendiment għall-għalliema u l-ħarrieġa. Hemm ħafna ostakli biex tiġi appoġġjata l-mobbiltà tal-apprendiment tal-għalliema, jiġifieri n-nuqqas ta' perjodi integrati ta' mobbiltà fil-kurrikuli, strutturi differenti tas-sena skolastika fl-Istati Membri, in-nuqqas ta' ħiliet lingwistiċi, ir-responsabbiltajiet tal-familja tal-għalliema, u d-diffikultajiet biex jiġu organizzati għalliema u ħarrieġa sostituti adegwati. Barra minn hekk, il-mezzi finanzjarji inadegwati u l-insuffiċjenza tal-għotjiet tal-Erasmus kienu l-ostakli ewlenin għall-parteċipazzjoni fi programmi ta' skambju preċedenti tal-Erasmus. Aktar importanti, ħafna pajjiżi tal-UE jbatu minn nuqqas ta' għalliema; aċċess ugwali għall-mobbiltà tal-apprendiment jista' jinkiseb billi jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed għalliema biex jiġu sostitwiti dawk li jipparteċipaw fi programmi ta' mobbiltà, li huwa essenzjali biex tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità.

([5]) Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

([6]) L-Istati Membri introduċew għadd ta' prattiki innovattivi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għar-rikonoxximent tal-ħiliet għall-benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja wara r-Rakkomandazzjoni ta' April 2022 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Xi whud minn dawk il-prattiki huma elenkati fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni. Pereżempju, il-Belġju, il-Portugall u r-Rumanija eżentaw lid-detenturi tal-protezzjoni temporanja milli jħallsu tariffi għall-proċess ta' rikonoxximent. Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet tal-Istati Membri aċċettaw mezzi alternattivi ta' prova wkoll. Prattiki bħal dawn jistgħu jiġu replikati u estiżi.

([7]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Edukazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Rumena) (ĠU C 228, 5.7.2019, p. 68).

Brussell, il-25 ta' April 2024

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE